MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Avviz Numru. 290/2001/1

**Maria Xuereb, Anna Xuereb, Mary Xuereb, Josephine Xuereb, Charles Xuereb u Helen Mercieca**

**vs**

**Clement u Rose konjugi Gauci**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 t'April tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:**

**1. Prevja dikjarazzjoni opportuna fis-sens li l-konvenuti qed jiddetjenu u jokkupaw il-fondi 6 Fleur de Lys Road, B'Kara, u 252, Valley Road, B'Kara, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, jizgumbraw**

**mill-istess fondi fi zmien qasir u perentorju li jogghobha tiffssa dina l-Onorabbli Qorti;**

**2. Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju ta' l-istess fondi ma jeccedix s-somma ta' elf lira (LM1000) fis-sena;**

**3. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-2 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

**1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione materiae;***

**2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-esistenza ta' titolu ta' kera;**

**3. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel (1) eccezzjoni, izda alternattivament ghat-tielet (3) eccezzjoni, l-esistenza ta' titolu ta' kommodat;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tal-atturi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda l-fond numru 6, Fleur de Lys Road, Birkirara u l-fond numru 252, Valley Road, Birkirkara;**

**2. Illi dawn il-fondi indikati fil-paragrafu precedenti huma proprjeta' ta' l-atturi;**

**3. Illi l-fond numru 252, Valley Road, Birkirkara huwa garaxx sottopost ghal fond numru 6, Fleur de Lys Road, Birkirkara li huwa mahzen;**

**4. Illi jirrizulta pacifiku li Joseph Xuereb ir-ragel tal-attrici Maria u missier l-atturi l-ohra, illum mejjet, kien ippermetta lill-konvenut u lil huh jerfghu l-merkanzija fl-imsemmi mahzen u jipparkjaw il-vettura taghhom fl-imsemmi garaxx, u dan b'mera tolleranza;**

**5. Illi fl-imsemmi mahzen kien hemm ukoll oggetti appartenenti lill-atturi;**

**6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-garaxx l-atturi kienu sussegwentement jircievu kera minghand hu l-konvenut Guzi ammontanti ghal sittin Lira Maltin (LM60.00,0), izda jirrizulta li eventwalment irrinunzja ghal kwalunkwe dritt li seta' kellu peress li ma baqax juza' l-istess garaxx;**

**7. Illi ghaldaqstant ma baqax ihallas l-ammont fuq indikat lill-atturi;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-premess is-segwenti ghandu jkun pacifiku:**

**1. Illi l-fond numru 252, Valley Raod, Birkirkara, kien mikri lil Guzi Gauci li ttermina l-kirja spontanjament;**

**2. Illi l-konvenut Clement Gauci jirrizulta li kien biss tollerat fil-fond numru 6, Fleur de Lys Raod, Birkirkara;**

**3. Illi ghaldaqstant jirrizutla li l-konvenuti m'ghandhom l-ebda tip ta' titolu fil-ligi fil-fondi meritu ta' din il-procedura;**

**Ikkunsidrat:**

**Rat ukoll l-artikolu 48 tal-Kap 12 u stante li jirrizulta li l-konvenuti m'ghandhomx l-ebda titolu vigenti fuq il-proprjetajiet fuq indikati kif fuq sintetikament espost, tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici u:**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti Clement u Rose konjugi Gauci qed jiddetjenu u jokkupaw il-fondi 6, Fleur de Lys Road, Birkirkara u 252, Valley Road Birkirkara minghajr titolu validu fil-ligi;**

**2. Tordna lill-istess konvenuti fuq indikati biex jizgumbraw l-imsemmija fondi fi zmien xahar mil-lum;**

**3. Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------